# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis sitta u ghoxrin (26) ta' April 2018**

**Rikors Numru 40/13 FDP**

**Tony Zarb (ID 136354M)**

**vs**

**Simon Busuttil**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 11 ta' Frar 2013 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti:

> *"prevja dikjarazzjoni illi inti responsabbli ta' malfama fil-konfront tal-attur b'diskors pubbliku li ghamilt fis 7 ta' Frar 2013 fejn, inter alia, allegajt li diskors li ghamel l-attur, ottjenut bil-mohbi, jikkostitwixxi prova ta' korruzzjoni, stante li l-istess allegazzjoni hija malafamanti, libelluza u tirrapprezenta fatti inveritjeri u ghalhekk intiza sabiex ittellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tal-attur, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni; thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap 248)"*

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fis-6 ta' Marzu 2013 fejn laqa ghal dak mitlub billi qal is-segwenti:

> *"1. Illi d-diskors de quo mhux libelluz fil-konfront tar-rikorrent.*
>
> *2. Illi d-diskors de quo jikkonsisti biss f'fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku dwar persuna pubblika li jikkonsistu f'fair comment u esercizzju tal-liberta' tal-espressjoni sancit, inter alia, mill-Kostitutzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem"*

Rat rapport forensiku tal-awdjo mhux guramentat redatt mill-espert imqabbad mir-rikorrent Iain McArthur u esebit fis 26 ta' April 2013. (fol 10)

Semghet ix-xhieda ta' **Domnic Gafa**, prodott mir-rikorrent, moghtija fl-10 ta' Gunju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Simon Busuttil**, prodott mir-rikorrenti, moghtija fit 30 ta' Settembru 2013 u rat id-dokument esebit mir-rikorrent seduta stante.(fol 26)

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Paul Borg Olivier**, prodott mir-rikorrenti, moghtija fil 15 ta' Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Jean Pierre Debono**, prodott mir-rikorrenti, moghtija fil 15 ta' Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Tony Zarb**, moghtija fl-20 ta' Jannar 2014.

Rat it-traskrizzjoni tal-konversazzjoni illi giet trasmessa fuq YouTube u li kienet li wasslet ghall-meritu tal-kawza odjerna, liema traskrizzjoni saret mir-rikorrent u giet ppresentata fl-atti fit-18 ta' Settembru 2014. (fol 22 tar-Rikors Nru 39/13)

Rat illi bejn id-29 ta' Settembru 2014 u il-25 ta' Jannar 2016 saru disa seduti fejn ir-rikorrent ma ressaq ebda provi.

Rat ir-rikors tat-18 ta' Novembru 2015 tar-rikorrent fejn talab illi l-provi migbura fil-kawzi 39/13 fl-ismijiet '***Tony Zarb vs Lawrence Gonzi***', 41/13 fl-ismijiet '***Tony Zarb vs Paul Borg Olivier et***' u 56/13 fl-ismijiet '***Tony Zarb vs Clyde Puli***' japplikaw ukoll ghall-kawza odjerna.

Rat illi fil-25 ta' Jannar 2016 ir-rikorrent esebita recording tal-konversazzjoni fil-kawza 39/13 u ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Paul Borg Olivier** moghtija fil 25 ta' Jannar 2016 in ezami u kontro ezami.

Semghet ix-xhieda ta' **David Bonello**, gurnalist li kien jahdem mal-Public Broadcasting Authority, u prodott mill intimat, moghtija fit 13 ta' Gunju 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Norman Vella**, gurnalist li kien jahdem mal-Public Broadcasting Authority, u prodott mill intimat, moghtija fil 21 ta' Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Keith Micallef**, gurnalist li kien jahdem mal-Malta Independent u illum jahdem mat-Times of Malta, u prodott mill intimat, moghtija fis 6 ta' April 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija artikolu minnu ppubblikat fil-Maltsa Independent fit 8 ta' Frar 2013.

Rat illi fid 9 ta' Novembru 2017 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fl-4 ta' Dicembru 2017 il-kawza thalliet ghas-sottomissjonijiet finali verbali.

Semghet is-sottomissjonijet finali illi saret fil 5 ta' Marzu 2018, wara liema data il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent, fid-data meta giet ippresentata l-kawza odjerna, kien jokkupa l-karika ta' Segretarju Generali tal-General Workers' Union.

Jirrizulta illi fl-10 ta' Marzu 2013 kien hemm l-Elezzjoni Generali.

Jirrizulta illi fi Frar tas-sena 2013, hekk kif kienet ghaddejja fl-eqqel taghha l-kampanja elettorali, fuq is-sit socjali 'YouTube' ittellghu zewgt recordings illi fih kienu mtellghin varji partijiet ta' diskussjoni illi saret waqt ikla privata illi fiha kien attenda Tony Zarb, flimkien ma' tlett persuni ohra, ossija Gaetano Mercieca, Dominic Gafa u Michael Ferry.

Jirrizulta illi tali recording kien parti mill-kampanja elettorali bejn iz-zewgt partiti politici u jirrizulta li tali recording spicca diskuss u kkummentat minn-varji esponenti tal-Partit Nazzjonalista.

Jirrizulta illi sussegwentement, ir-rikorrent intavola l-kawza odjerna fil-11 ta' Frar 2013, kif ukoll intavola tlett kawzi ohra fl-istess zmien, ossija il-kawza Rik Nru 39/13 fl-ismijiet '***Tony Zarb vs Lawrence Gonzi***' intavolata fit-8 ta' Frar 2013, il-kawza Rik Nru 41/13 fl-ismijiet '***Tony Zarb vs Paul Borg Olivier u Nathaniel Attard***' intavolata fil-11 ta' Frar 2013 ukoll u l-kawza Rik Nru 56/13 fl-ismijiet '***Tony Zarb vs Clyde Puli***' intavolata fit-22 ta' Frar 2013.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, fil-kaz odjern, ir-rikorrent qieghed jilmenta dwar diskors pubbliku illi ghamel l-intimat fis-7 ta' Frar 2013 fejn ir-rikorrenti jistqarr li l-intimat allega illi diskors li ghamel l-attur, ottjenut bil-mohbi, jikkostitwixxi prova ta' korruzzjoni, liema stqarrija hija malafamanti, libelluza u tirrappresenta fatti inveritjeri.

Jirrizulta illi prova ta' tali diskors qatt ma gie ippresentat quddiem dina l-Qorti u l-unika dokument ippresentat kien rappurtagg li deher fil-gurnal Times of Malta fit 8 ta' Frar 2013 fejn gie rappurtat hekk:

> *"The Labour Party pretended to be "honest and transparent" but recent stories in the media were showing otherwise, Nationalist Party deputy leader Simon Busuttil said.*
>
> *He referred to the audio recording where General Workers' Union general secretary Tony Zarb is heard suggesting that the union would give a push to companies friendly with the union when it came to government tenders.*
>
> *"here is the proof of corruption and lack of seriousness ... He (Mr Zarb) must shoulder responsibility and resign," he said, adding that PL was "morallu bankrupt".*

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi apparti tali artikolu, l-unika prova ohra illi ressaq ir-rikorrent kien rapport redatt minn espert imqabbad mir-rikorrent, certu Iain McArthur, li ghamel is-segwenti konkluzjonijiet:

> *"I would have to say that I could not rely on this recording as safe. I believe this due to the aforementioned points of:*

*1. Gaps in the recording illustrating that this has been crudely compiled together.*

*2. The very clear difference in the two clips from YouTube that start identically but then are completely different as the conversation progresses.*

*I am of the opinion that there are signs of malicious editing/tampering on this recording.*

*It cannot be relied upon as a true account of the conversation."*

Jirrizulta illi r-rikorrent ippresenta ukoll ir-recordings li ttellghu fuq YouTube kif ukoll traskrizzjonijiet taghhom.

Jirrizulta illi apparti tali dokumentazzjoni, huwa ma ressaq ebda prova ohra.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi ghalkemm ir-rikorrent ippresenta rapport forensiku ta' espert minn mqabbad, dana ir-rapport qatt ma gie kkonfermat bil-gurament u l-espert qatt ma ttella l-Qorti sabiex jikkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu u jirrispondi ghalih.

Il-Qorti tosserva, apparti minn hekk, illi ma tridx tkun espert biex tinduna minnufih li z-zewgt recordings li dwaru rrapporta tali espert, di fatti, jirrappresentaw estratti ta' diskursata shiha illi saret, fejn saru estratti ta' tmien (8) okkazzjonijiet differenti waqt tali ikla. Ghalhekk huwa ovvju illi tali recordings ma humiex indikazzjoni ta' kull ma ntqal tul l-ikla kollha illi kellu r-rikorrent ma' Domnic Gafa u Michael Ferry kif ukoll Gaetano Mercieca, izda indikazzjoni biss ta' dak illi ntqal fi tmien siltiet ta' tali diskussjoni, liema siltiet tqiesu bhala signifikanti ghal min irrediga r-recording.

Il-Qorti, madanakollu, thoss illi ma ghandhix tinoltra aktar fil-konsiderazzjonijiet taghha tar-recording, stante illi l-meritu tal-kawza odjerna, kif imposta, ma kienitx ir-recordings illi ttellaw, izda d-diskors illi allegatament ghamel l-intimat Simon Busuttil fil-kapacita tieghu ta' Vici Kap tal-Partit Nazzjonalista fis-7 ta' Frar 2013.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tosservax, l-ewwel u qabel kollox, illi d-diskors illi kien qieghed jaghmel l-intimat kien diskors politiku fl-eqqel ta' kampanja elettorali li kienet miggielda sew.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi r-rikorrent, bhala Segretarju Generali ta' union principali u ewlenija ta' haddiema f'Malta, ossija il-General Workers' Union, kien persuna pubblika u possibbilment ukoll persuna politika wkoll, ghalkemm mhux direttament involut fil-politika, u ghalhekk kien suggett ghall-livell ta' kritika oghla minn dak permess lic-cittadin komuni.

Il-Qorti tosserva wkoll illi, ghalkemm r-rikorrent ipprova jattakka l-validita' tar-recordings li dwarhom eventwalment ikkummenta l-intimat, ir-rapport mhux mahluf u kkonfermat tal-espert imqabbad mir-rikorrent jikkonferma illi hemm varji diskursati differenti li huma mqieghda kollha flimkien.

Il-Qorti tosserva illi, ghalkemm ir-rikorrent w l-espert tieghu jikkontendu illi r-recording huwa maghmul b'mod qarrieqi, jekk wiehed jisma tali recordings, kif certament seta jaghmel il-qarrej u cittadin komuni, wiehed mal-ewwel jintebah illi z-zewgt recordings huma kollezzjoni ta' tmien diskursati separati u distinti.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, f'wahda mid-diskursati, intqal is-segwenti:

> *Medjatur: U ghedtlu jien, ghedtlu jekk ikollok relazzjoni tajba mal-Union, tghinek anke fit-tenders hux, meta johorgu natux pushjatura.*
>
> *Tony Zarb: .... u jekk jinbidlu l-affarjiet, aktar u aktar.*
>
> *Medjatur: Jien biha bdejt, ghidtlek il-Labour zgur mhux se jhalluk tahdem.*

Il-Qorti tosserva illi, ghalkemm ma ngabietx quddiemha l-prova dwar x'kienu attwalment il-kliem illi qal l-intimat u li dwaru qed ihossu malafamat ir-rikorrent, l-istess intimat, fix-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti fit-30 ta' Settembru 2013 kien ikkonferma illi qal il-kliem hekk rappurtat, u ghalhekk qieghda tqis illi tali kliem ntqalu mill-intimat.

Il-Qorti tosserva li, l-intimat, bhala persuna politika, kellu d-dover illi jikkummenta dwar agir ta' persuni pubblici u politici, u ghalhekk kellu kull dritt, jekk mhux dover, illi jikkummenta dwar il-kliem illi nstema jghid ir-rikorrent lill-terza persuna, ossija Dominic Gafa.

Il-Qorti, finalment, tosserva illi l-fatt illi l-intimat indika tali diskors bhala wiehed li juri prova ta' korruzzjoni, kienet opinjoni politika tieghu illi kienet ibbazata fuq fatti kif kienu jidhru dak il-hin u li kienu jirrigwardaw persuna pubblika, bhalma kien ir-rikorrent, u ghalhekk tali kummenti ma jistghux jitqiesu bhala malafamanti, peress illi intqalu fl-ambitu ta' kampanja politika illi kienet ghaddejja dak iz-zmien u f'pajjiz demokratiku, bhalma huwa dak ta' Malta, fejn huwa permess illi wiehed jikkritika persuna pubbliku u huwa permess ukoll illi politiku jikkummenta dwar persuna pubblika fuq agir u kliem illi tali persuna seta qal, tali kritika ghandha tigi protetta mill-Qrati.

Ghaldaqstant, ma jirrizultax illi l-kliem ta' l-intimat saru bil-ghan illi itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent, izda jirrizulta li saru bhala parti mid-dritt ta' liberta' ta' l-espressjoni kif ukoll dover ta' persuna politika illi jikkummenta dwar agir illi jista jkun ta' interess pubbliku, aktar u aktar meta tali agir sar minn persuna pubblika.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati, u ghalhekk

**Tichad** it-talba attrici

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur